MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tad-9 ta' Frar, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 1184/15LM

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Jed-Isaac Cassar (K.I. numru 434895M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Diċembru, 2015 mis-socjetà attriċi **Banif Bank (Malta) plc (C41030)** (minn issa "is-socjetà attrici") li jgħid hekk:

1. *Illi l-kumpannija attriċi hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

2. *Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpannija attriċi u ħa minn għandha self biex jiffinanzja l-akkwist tar-residenza tiegħu u xogħlijiet marbuta magħha;*

3. *Illi dan is-self, konċess ai termini ta' Credit Agreement datat 13 ta' Mejju, 2014 (Dok. 'A') u kuntratt datat 23 ta' Mejju, 2014 magħmul fl-atti tan-Nutar Dr Daniela Mercieca (Dok. B), kien ta' mija u tlett elef, u ħames mitt Euro (€103,500) u kien jikkonsisti fis-segwenti:*

   i. *Home Loan (i) ta' tlieta u tmenin elf, u ħames mitt Euro (€83,500), u*
   ii. *Home Loan (ii) ta' għoxrin elf Euro (€20,000);*

4. *Illi l-konvenut naqas milli jħallas lura dan is-self u konsegwentement, il-bilanċ dovut mill-konvenut hu kif ġej:*

   i. *erbgħa u tmenin elf, disat Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€84,009.76), dovuti fuq il-Home Loan (i) fuq imsemmi, senjatament Account numru 409537.71.001, li sat-23 ta' Ottubru 2015, kienu jinkludu mgħaxijiet ta' mitejn, disgħa u għoxrin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€229.28) (ara Dok. C);*

   ii. *għoxrin elf, mija u erbat Euro u disgħin ċenteżmu (€20,104.90), dovuti fuq il-Home Loan (ii) fuq imsemmi, senjatament Account numru 409537.71.002, li sat-23 ta' Ottubru 2015, kienu jinkludu mgħaxijiet ta' sebgħa u tletin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€37.66)(ara Dok. D);*

5. *Illi minbarra dan is-self hemm dovut ukoll lill-kumpannija attriċi mingħand il-konvenut is-somma ta' elf u erbgħin Euro u erbatax-il*

*ċenteżmu (€1,040.14), li sat-23 ta' Ottubru 2015, kienet tinkludi sitt Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€6.77) f'imgħaxijiet (Dok. E). Dan l-ammont hu dovut fuq il-Credit Card numru 4196.7960.0011.6011 li l-konvenut għandu mal-kumpannija attriċi (Dok. F);*

6. *Illi relatati mas-self fuq imsemmi, hemm dovuti s-segwenti spejjeż bankarji:*

   i. *disa' mija, u erbgħa u erbgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€944.42) li sat-23 ta' Ottubru 2015, kienu jinkludu ħames Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€5.72) f'imgħaxijiet (Dok. G). Dan l-ammont hu dovut fuq Current Account numru 409537.10.001, li l-konvenut għandu mal-kumpannija attriċi (Dok. H); u*

   ii. *erba' mija u tmintax-il Euro u tmenin ċenteżmu (€418.80), li sat-23 ta' Ottubru 2015, kien jinkludu żewġt Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33) f'imgħaxijiet (Dok. I). Dan l-ammont hu dovut fuq Current Account numru 409537.10.002, li l-konvenut għandu mal-kumpannija attriċi (ara Dok. J);*

7. *Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpannija attriċi sat-23 ta' Ottubru, 2015, kien ta' mija u sitt elef, ħames mija u tmintax-il Euro u żewġ ċenteżmi (€106,518.02);*

8. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attriċi:*

   i. *kwantu l-Home Loans (i) u (ii) fuq imsemmija, ai termini tal-Credit Agreement (Dok. A), u dan għax kif stipulat fl-Artikolu 15, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility"; u*

ii. *kwantu l-Credit Card fuq imsemmijja, ai termini ta' Artikolu 11 tat-Terms and Conditions tal-Credit Agreement (Ara Dok. K) marbut mal-istess Credit Card, u*

iii. *kwantu l-Current Accounts fuq imsemmija, ai termini ta' Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (Dok. L) u ta' Artikolu 6 tal-Conditions of Use (Dok. M) marbuta mal-istess Current Accounts;*

6. *Illi l-kumpannija attriċi ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha d-dejn, fosthom permezz ta' ittra legali datata 19 ta' Awwissu, 2015 (Dok. N) u ittra uffiċjali numru 3048/2015 datata 3 ta' Settembru 2015 (Dok. O), iżda dan baqa' inadempjenti;*

7. *Illi l-kreditu tal-kumpannija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attriċi;*

8. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, il-kumpanija attriċi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €106,518.02; u*

3. *Tikkundanna Iill-konvenut ihallas lill-kumpannija esponenti l-ammont komplessiv ta' €106,518.02;*

*Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imgħaxijiet mit-23 ta' Ottubru 2015 sad-data talpagament effettiv.*

*II-bank charges u fees qed jintalbu: kwantu għall-Home Loans fuq imsemmija ai termini tal-Credit Agreement msemmi f'din il-kawza (Dok. A) u t-Tariff of Charges relattivi għall-Current Accounts (Dok. P); kwantu l-Credit Card fuq imsemmijja, ai termini tal-Credit Agreement (Dok. K) u t-Tarrif of Charges relattivi (Dok. Q); u kwantu l-Current Accounts, ai termini tat-Tarrif of Charges relattivi (Dok. R), liema dokumenti tqiesu li saru*

*japplikaw appena l-konvenut ħa l-faċilitajiet bankarji mingħand il-kumpannija attriċi.*

*L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwent:*

1. *Sebgħa punt erbgħa fil-mija (7.4%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Home Loan Accounts imsemmija aktar 'il fuq (ara Artikoli 6 u 15 fuq Dok. A fuq imsemmi), u*

2. *Tmienja punt tnejn ħamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Credit Card imsemmija aktar 'il fuq, u dan ai termini tal-Artikolu 4 tal-Credit Agreemement (Dok. Q), u*

3. *Għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Accounts imsemmija aktar 'il fuq (ara marker oranġjo fuq Dok. R).*

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-soċjetà attriċi.

Rat in-nota ta' ammissjoni tat-2 ta' Frar, 2015 (a fol. 51) fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur fl-intier tagħhom.

**Decide**

**Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont komplessiv ta' mija u sitt elef, ħames mija u tmintax-il euro u żewġ ċenteżmi (€106,518.02), bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet li bdew jiddekorru mit-23 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-pagament effettiv. Spejjeż għall-konvenut.**

**Moqrija**

--------------------TMIEM---------------------